**Laqgha Numru 04/K6/2010 – Laqgha b'urgenza**

**Introduzzjoni**

Ir-Raba' Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar il-Gimgha 19 ta' Frar 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-11.00 am.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat kienu skuzata minhabba li jinsabu imsiefera fuq btala privata.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fid-19 ta' Frar 2010. L-Agenda kienet:

**01. Il-kuntratt tal-gbir ta' skart.**

## 01. Il-kuntratt tal-gbir ta' skart.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li bi qbil mal-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Lauro Fava kien qed jghajjat din il-laqgha b'urgenza minhabba zviluppi li kien hemm fuq il-kuntratt tal-gbir ta' l-iskart.

1.02. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jaghti rendikont ta' dak li gara.

1.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li kif kien gie deciz fil-laqgha tal-Kunsill ta nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2010 u l-komunikat li sar mal-kuntrattur Raymond Mizzi waqt l-istess laqgha, l-ghada l-Erbgha 17 ta' Frar 2010 rega' prova jaghmel kuntatt mal-kuntrattur minhabba li ma kienx baghat risposta kif kien wieghed. Il-Hamis 18 ta' Frar 2010 regghu saru diversi tentattivi l'izda ma kienx hemm rispons. Il-kelliem qal li kien ghamel komunikat kemm mas-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn dawn kienu ta' l-opinjoni li jekk ma jkunx hemm risposta definittiva sa l-ghada l-Gimgha fin-12.00pm, il-Kunsill kellu jinforma lin-Northern Cleaning Group Ltd. li l-Kunsill ser johrog tender gdid. Tard wara nofsinhar sar komunikat mas-sur Raymond Mizzi permezz tat-telefon fejn wara li gie mistoqsi jekk kienx hemm xi risposta gie nfurmat ukoll bid-decizjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s-sur Raymond Mizzi kien indika li aktarx mhux ser tkun possibbli ghalih li jaccetta l-proposta tal-Kunsill fejn f'dan il-waqt infurmajtu sabiex jgharbel sewwa l-proposta tal-Kunsill sabiex ma jaccettax xi haga li ma tkunx ta' beneficcju kemm ghalih kif ukoll ghall-Kunsill. Il-kelliem qal li s-sur Raymond Mizzi nfurmah li kien ser jibghat it-twegiba tieghu ufficjalment bil-miktub wara li kien ser jerga' jitkellem mad-diretturi l-ohra tal-kumpanija. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal l'aktar tard il-Hamis ghal xi l-4.45pm intbaghtet ittra lill-Northern Cleaning Group Ltd. fejn gew infurmata ufficjalment li jekk sal-Gimgha 19

ta’ Frar 2010 f’12.00pm il-Kunsill ikun ghadu minghajr twegiba l-Kunsill ser johrog tender gdid fejn l-ittra ntbaghtet kopja taghha lid-Direttur Dipartiment ghall-Gvern Lokali u lill-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Chris Said. Il-kelliem qal li tard il-Hamis filghaxija nnota li s-sur Joe Attard tal-GRTU kien baghat ittra lid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kopja lill-Onor. Chris Said, lill-Kunsill kif ukoll lil diversi persuni ohra fejn allega li ***‘Is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill ta’ Pembroke qed jhedded lill-kuntrattur biex jahdimlu bil-prezz li jrid il-Kunsill. Jekk agir ta ‘dan it-tip jissejjah ‘xi forma ta’ kompromess’ allura l-GRTU hija kontra dan kollhu.’*** Il-kelliem qal li kif induna l-ghada filgodu l-Gimgha ghamel kuntatt mas-sur Raymond Mizzi fejn infurmah li huwa qatt ma jaf li ghamel dawn l-affarijiet u s-sur Mizzi stess ikkonferma li dan il-kliem qatt ma intqal. Il-kelliem qal li huwa kien kellem ukoll lid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kif ukoll lill-Avukat tal-Kunsill dwar kif ghandu jagixxi fejn id-Direttur kien tal-parir li huwa jikteb sabiex jiskolpixxi ruhu u jirriserva dritt li jiehu passi fejn anke l-Avukat kien ta’ l-istess parir. Fil-fatt is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat ittra lill-GRTU b’kopja lid-Direttur u lill-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Chris Said dwar dan. **(Ara dokument A)** Il-kelliem qal ukoll li fil-prezenza tas-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ftit tal-hin qabel din il-laqgha li qed issir b’urgenza kien ikkomunika mad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn dan kien tal-parir li s-Sindku Joe Zammit jghajjat laqgha b’urgenza u jiddiskuti din il-materja nkluz il-parir li l-Kunsill inghata minghand l-Avukat, cioe’ li f’dan l-istadju l-Kunsill jista’ jikkunsidra li jiffirma l-kuntratt, immedjatament tinhareg terminazzjoni tal-kuntratt skond il-General Conditions u l-Kunsill jibda l-process ta’ tender gdid. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal ukoll li d-Direttur kien infurmah li l-Kunsill kellu l-permess li jekk ikun f’estremita’ li ma jkollux kollettur jista’ jikkomunika ma’ 3 kuntratturi, jinghata kwotazzjoni ta’ servizz b’emergenza u jmexxi sakemm jghaddi l-process kollu ta’ tender gdid, dejjem jekk il-Kunsill jiddeciedi li ser johrog tender gdid.

1.04. Wara diskussjoni s-Sindku Joe Zammit ikkomunika mal-kuntrattur Raymond Mizzi fejn gie spjegat lilu s-sitwazzjoni kif ukoll li l-kumpanija xorta wahda ma tatx kaz l-ittra u t-talbiet tal-Kunsill. Wara d-diskursata li kien hemm is-Sindku Joe Zammit informa lill-kuntrattur li l-hin ta’ skadenza kien qed jiggedded min-12.00pm sal-4.00pm fejn wara dan il-hin il-Kunsill huwa damanti li jmexxi bil-hrug ta’ tender gdid.

1.05. Fid-dawl ta’ dan is-Sindku Joe Zammit aggorna l-laqgha ghal aktar tard fl-4.00pm fejn ghandha tittiehed id-decizjoni finali.

***1.06. Il-laqgha giet aggornata fin-12.05 pm.***

***1.07. Il-laqgha tkompliet fl-5.30 pm.***

1.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda kuntatt mill-kumpanija Northern Cleaning Group Ltd.

1.09. Fid-dawl ta’ dan is-Sindku Joe Zammit ippropona rizoluzzjoni specjali li l-Kunsill jigbor kwotazzjonijiet b’emergenza ghall-perjodu ta’ xahrejn liema perjodu jista’ jigi mgedded minghand numru ta’ persuni/kumpaniji li tefghu offerti fil-Kunsill Lokali Zurrieq u Luqa, u persuni/kumpaniji li gabru t-tender tal-Kunsill Lokali Pembroke kif ukoll il-kollettur li qabel kien jigbor l-iskart fil-lokal. **(Ara dokument B)** Il-kelliem ippropona ukoll li l-kwotazzjonijiet t’emergenza ghandhom jaghlqu nhar it-Tnejn 22 ta’ Frar 2010 fis-2.00pm kif ukoll l’immedjatament jibda l-process tal-hrug ta’ tender gdid skond kif kien inhareg dak precedenti u kif diskuss fil-laqgha precedenti.

1.10. Il-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat issekondaw.

1.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.12. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fis-5.45 pm wara li fakkar lill-Kunsill li l-laqgha li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 9 ta' Marzu 2010 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |